



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Mejju 2024
(OR. en)

8830/24

CONUN 100
ONU 52
DEVGEN 54
ACP 44
COAFR 144
COLAC 52
COASI 62
COEST 243
CLIMA 164

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Mejju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS) - (Konklużjonijiet tal-Kunsill - 7 ta' Mejju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS), adottati mill-Kunsill fl-4021 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Mejju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS)

1. L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha jilqgħu t-tlaqqiġ tar-raba' Konferenza Internazzjonali dwar Stati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS)¹ bejn is-27 u t-30 ta' Mejju 2024 f'Antigua u Barbuda. It-tema, "Inwittu t-Triq Lejn Prosperità Reżiljenti" hija rilevanti ħafna kemm għas-SIDS kif ukoll għall-UE. L-UE tilqa' wkoll id-deżinjazzjoni tal-2024 bħala s-Sena Internazzjonali tas-SIDS, u tipprovdi opportunità ewlenija sabiex il-perspettivi tas-SIDS jitqiegħdu fuq l-aġenda internazzjonali.
2. L-UE qed iżżid is-sħubija tagħha mas-SIDS fil-livell politiku, kif ukoll mar-rappreżentanti mis-soċjetà ċivili u n-negozju. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tiżviluppa l-kooperazzjoni tagħha mal-Alleanza tal-Istati Gżejjer Żgħar (AOSIS) u l-Bureau tagħha, attwalment ippresedut mis-Samoa.

¹ 39 Stat: Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Belize, Cabo Verde, Comoros, Dominica, Fiġi, il-Ġamajka, Grenada, il-Guinea-Bissau, il-Guyana, il-Gżejjer Cook, il-Gżejjer Marshall, il-Gżejjer Solomon, il-Haiti, Kiribati, Kuba, il-Maldivi, Mauritius, Nauru, Niue, Palau, Papua New Guinea, ir-Repubblika Dominicana, Samoa, São Tomé u Príncipe, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, is-Seychelles, Singapore, l-Istati Federali tal-Mikroneżja, is-Suriname, Timor Leste, Tonga, Trinidad u Tobago, Tuvalu, Vanuatu. 18-il Membru Assoċjat tal-Kummissjonijiet Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti: Anguilla, Aruba, Bermuda, Commonwealth tal-Marianas tat-Tramuntana, Curaçao, Guadeloupe, Guam, il-Gżejjer Cayman, il-Gżejjer Turks u Caicos, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi, il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti, Martinique, Montserrat, New Caledonia, il-Polineżja Françiża, Puerto Rico, is-Samoa Amerikana, Sint Maarten.

3. L-Istati Gżejjer fil-Karibew, il-Paċifiku, l-Atlantiku, l-Oċean Indjan u l-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina jokkupaw pożizzjoni kruċjali. Minħabba li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma żgħar – kemm ġeografikament kif ukoll f'termini ta' popolazzjoni – kwalunkwe xokk jista' jkollu konsegwenzi sproporzjonati, anke eżistenzjali għas-soċjetajiet, l-ekonomiji u l-kulturi tagħhom, b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet, kif ukoll għal oħrajn f'sitwazzjonijiet vulnerabbli bħall-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali. Minħabba l-fatt li huma gżejjer – ħafna drabi baxxi u remoti – huma partikolarment esposti għall-impatti negattivi ta' temp estrem u avvenimenti li jibdw bil-mod assoċjati mat-tibdil fil-klima bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar u l-intrużjoni tal-ilma baħar. Is-SIDS jiddependu fuq l-oċean saħansitra aktar minn pajjiżi oħra għall-ekonomija tagħhom, ir-regolamentazzjoni tal-mikroklima, il-kultura u r-rikreazzjoni tagħhom. Għaldaqstant, huma estremament vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, l-insigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, it-tniġġis tal-baħar, it-telf tal-bijodiversità tal-baħar, it-tnaqqis fir-riżorsi tal-ilma ħelu, id-deżertifikazzjoni, l-erożjoni kostali, id-degradazzjoni tal-art, u l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux regolati.
4. Għalkemm is-SIDS huma l-aktar esposti, dawn il-kwistjonijiet huma sfida u responsabbiltà għas-sħubija tan-NU kollha kemm hi, li f'Settembru 2023 iltaqgħet fis-Summit tal-SDG biex tafferma mill-ġdid "l-impenn tagħha biex timplimenta b'mod effettiv l-Aġenda tal-2030 u l-SDGs tagħha (l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli) u tiddefendi l-prinċipji kollha minquxa fiha." L-UE hija impenjata li tappoġġa x-xogħol f'din id-direzzjoni. Is-sħubija tan-NU ser tikkunsidra wkoll l-isfidi speċifiċi ffaċċati mis-SIDS fis-Summit taż-Żieda fil-livell tal-Baħar f'Settembru 2024 u fil-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani li jmiss, f'Ġunju 2025.
5. L-UE tirrikonoxxi r-rwol tas-SIDS fit-tmexxija ta' żviluppi pożittivi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent. Is-SIDS kienu fuq quddiem nett fl-indirizzar tal-kriżijiet ambjentali globali, pereżempju permezz tal-ħolqien ta' "żoni marini protetti" fl-ilmijiet tagħhom, biex b'hekk jiġu restawrati l-ħabitats u tiġi protetta l-bijodiversità, u billi jiġu żgurati ekonomiji blu sostenibbli. Is-SIDS kienu wkoll qed iwittu t-triq għal azzjoni klimatika, oqfsa ta' politika u kapaċitajiet aktar inklużivi.

6. Il-Perkors SAMOA tal-2014 (Modalitajiet ta' Azzjoni Aċċelerati tas-SIDS) ipprova qafas ċar għal azzjoni permezz tal-15-il Qasam ta' Priorità tiegħu. L-UE tinsab ħerqana li taħdem mas-SIDS dwar l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet li għandhom jiġu stabbiliti f'Antigua u Barbuda. Il-perjodu bejn issa u l-konferenza li jmiss (fl-2034) jitlob azzjoni ffukata u sostnuta.
7. L-UE tilqa' l-Indiċi ta' Vulnerabbiltà Multidimensjonali (MVI) propost u tappella għall-approvazzjoni rapida tiegħu, peress li s-SIDS jiffaċċaw sfidi ta' żvilupp u vulnerabbiltajiet li mhumix riflessi biżżejjed fl-indiċijiet tal-introjtu nazzjonali komuni bħall-PDG u l-ING per capita. Billi jiġbor aktar data u data diżaggregata, l-MVI għandu jagħti fehim akbar biex jinforma d-deċiżjonijiet. L-UE thegġegħ lill-istituzzjonijiet kollha għall-iżvilupp biex jibnu fuq din l-għodda l-għdida, biex jintegraw aħjar il-fatturi għall-vulnerabbiltà fl-analiżi u l-azzjoni tagħhom. L-UE tittama li taħdem mas-sħab kollha tagħha biex tiżgura li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu rikonoxxuti u ssodisfati.
8. L-UE tilqa' r-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-21 ta' Diċembru 2020, dwar ir-"Rieżami kwadriennali komprensiv tal-politika marbuta mal-attivitajiet operattivi għall-iżvilupp tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti", u hija lesta li tinvolvi ruħha fin-negozjati dwar ir-rieżami li jmiss biex jiġi żgurat li s-sistema ta' żvilupp tan-NU tkompli ssaħħaħ l-appoġġ għas-SIDS.

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jkollhom rwol kostruttiv qabel, matul u wara r-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar is-SIDS (SIDS4), fil-prijoritajiet identifikati fl-abbozz ta' dokument ta' eżitu. Għal dan il-għan, huma ser jikkooperaw aktar mas-sħab impenjati wkoll li jaħdmu għall-benefiċċju tas-SIDS, b'mod partikolari, is-Sotto-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u r-Rappreżentant Għoli għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, il-Pajjiżi Mingħajr Kosta li qed Jiżviluppaw u l-Istati Gzejjir Żgħar li qed Jiżviluppaw, u d-Dipartiment tal-Affarjiet Ekonomiċi u Soċjali tan-NU. L-UE tilqa' l-istabbiliment mill-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Iżvilupp (DCO) f'Ottubru 2021 ta' uffiċċji ta' koordinaturi residenti u tim tal-pajjiżi tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Mikroneżja, li jkopri l-Istati Federali tal-Mikroneżja, Kiribati, Nauru, Palau u l-Gzejjir Marshall. L-UE tfaħħar il-ħidma tal-Kumitat ta' Tmexxija tan-NU dwar is-Sħubijiet għas-SIDS fil-promozzjoni tas-sħubijiet. Minħabba d-diversità tas-SIDS, l-involviment fil-livell reġjonali u mal-organizzazzjonijiet reġjonali tas-SIDS huwa importanti wkoll.

10. L-UE tesprimi apprezzament qawwi għas-sħubija mill-qrib mas-SIDS fin-negozjati tan-NU dwar il-Klima. L-UE tapprezza lis-SIDS bħala sħab ewlenin biex tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni immedjata, urġenti u aċċellerata, kif enfasizzat mir-rapporti tal-IPCC, l-IPBES u l-IRP. L-UE tilqa' d-deċiżjoni tal-COP28 dwar ir-Rendikont Globali (GST). L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadmu mill-qrib mas-SIDS biex jiksbu l-eżiti tal-COP28, inkluż it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, filwaqt li aċċelleraw l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jsaħħu l-kollaborazzjoni mas-sħab fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) ambizzjużi li jindirizzaw b'mod effettiv l-impenji meħuda fil-GST, inkluż miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha allinjati mal-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1.5 °C, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Msaħħa ta' Lima. L-UE tilqa' d-deċiżjoni dwar l-operazzjonalizzazzjoni ta' arranġamenti ġodda ta' finanzjament, inkluż fond biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fir-rispons għat-telf u l-ħsara. L-UE u l-Istati Membri tagħha wiegħdu appoġġ sinifikanti għall-fond, kif ukoll għall-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti li jappoġġaw pajjiżi partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima fir-rispons għat-telf u l-ħsara. L-UE hija impenjata li taħdem mill-qrib mas-sħab biex taċċellera u tibbenefika mit-tranżizzjoni ekoloġika u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-impenji globali. L-UE hija konvinta mill-potenzjal tal-enerġiji rinnovabbli, inkluż l-enerġiji rinnovabbli tal-baħar, għall-ekonomija bbażata fuq l-oċeani u oqsma oħra li huma sinifikanti għall-iżvilupp sostenibbli. L-UE thegġegħ lill-membri tal-G20 biex jieħdu rwol ta' tmexxija f'dan ir-rigward, peress li huma jirrappreżentaw kważi 80 % tal-emissjonijiet globali u għandhom rwol ewlieni fl-indirizzar tal-isfidi ambjentali.

11. Permezz tas-Sħubijiet Ekoloġiċi u l-assistenza ta' kooperazzjoni tagħna, l-UE tappoġġa lis-SIDS fl-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal. Il-fehmiet tagħna jallinjaw ruħhom dwar il-protezzjoni u r-restawr tal-oċeani, inkluż permezz tar-ratifika rapida, id-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Bijodiversità lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ), u permezz tat-tħejjija għal impenji ambizzjużi fit-tielet Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani f'Nizza f'Ġunju 2025. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-importanza tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), li ttiprovdi l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-oċeani u l-ibħra. L-Istati Membri kollha tal-UE kkosponsorjaw ir-Risoluzzjoni 77/276 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU li titlob opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-obbligi tal-Istati fir-rigward tat-tibdil fil-klima. L-UE ser taħdem ukoll mill-qrib mas-SIDS, li l-għajxien tagħhom huwa speċjalment affettwat mit-tniġġis tal-plastik, biex sa tmiem l-2024 jiġu konklużi negozjati dwar Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti ambizzjuż biex tintemm din il-pjaga. L-UE u l-Istati Membri tagħha jenfasizzaw l-importanza li tinkiseb in-newtralità fir-rigward tad-degradazzjoni tal-art sal-2030 u jilqgħu l-COP16 għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni fl-Arabja Sawdija bħala l-mument biex tiġi aċċellerata l-azzjoni nazzjonali u dinjija fir-rigward tar-restawr tal-art, is-saħħa tal-ħamrija, ir-reżiljenza għan-nixfa u t-tranżizzjoni ekoloġika.
12. L-aċċess ugwali għall-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni (STI), flimkien ma' edukazzjoni ekwa ta' kwalità, joffru prospetti kbar biex isir progress fl-iżvilupp soċjoekonomiku inklużiv, inkluż permezz tal-espansjoni tal-kummerċ biex jingħelbu l-impatti negattivi ta' qagħda mbiegħda; tista' tgħin ukoll biex tiddefinixxi, timplimenta u timmonitorja NDCs ambizzjużi u tappoġġa l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jaħdmu permezz taċ-Ċentru Diġitali għall-Iżvilupp (iċ-Ċentru D4D) biex javvanzaw id-djalogu mar-reġjuni sħab, inkluż il-Karibew u l-Paċifiku, biex irawmu trasformazzjoni diġitali sostenibbli u ċċentrata fuq il-bniedem.

13. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-isforzi li għaddejjin għar-riforma tal-Arkitettura Finanzjarja Internazzjonali u l-banek multilaterali tal-iżvilupp, filwaqt li jibnu fuq il-pjan direzzjonali tal-Patt ta' Pariġi għan-Nies u l-Pjaneta (4P) u l-Aġenda ta' Bridgetown 2.0. Nistennu bil-ħerqa d-diskussjonijiet dwar ir-riforma, inkluż fil-kuntest tas-Summit tal-Futur u r-raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, li ser issir fi Spanja fl-2025.
14. L-għan għandu jkun li jiġu mobilizzati, fi sforz globali, ir-riżorsi meħtieġa mis-sorsi kollha għall-implimentazzjoni sħiħa u aċċellerata tal-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi, inkluż iż-żieda fil-likwidità u l-aħjar użu possibbli ta' finanzjament konċessjonali skars. Hemm interess komuni li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi u l-inugwaljanzi globali, u li jiġu ssalvagwardjati l-beni pubbliċi globali, biex jiġi żgurat li l-ebda pajjiż ma jkollu jagħżel bejn il-għieda kontra l-faqar u l-għieda għall-pjaneta. F'dan ir-rigward, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-iżvilupp ta' strumenti ta' finanzjament innovattivi bħall-klawżoli ta' dejn reżiljenti għat-tibdil fil-klima għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli.
15. L-UE ilha żmien twil sieħba tas-SIDS, u tappoġġahom biex jiksbu l-SDGs. L-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien bħala Tim Ewropa, diġà jikkostitwixxu l-akbar donatur għas-SIDS, u ffinanzjaw aktar minn EUR 1.2 biljun fil-forma ta' ODA bilaterali u kontribuzzjonijiet mgħoddija permezz ta' organizzazzjonijiet multilaterali fl-2022. Skont l-istrateġija Global Gateway tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha f'approċċ ta' Tim Ewropa, qed jissieħbu mas-SIDS permezz ta' investimenti fil-qasam diġitali, l-ambjent, il-klima u l-enerġija, it-trasport, is-saħħa, l-edukazzjoni u r-riċerka. L-UE qed tiffinanzja inizjattivi strateġiċi ewlenin magħżula li huma ta' benefiċċju għas-SIDS bħal "Inizjattiva Globali ta' Bond Ekoloġiku, l-Alleanza Blu u Ekoloġika għall-Paċifiku", u sforzi biex tiġi indirizzata t-theddida tal-pesta tal-alga Sargassum fil-Karibew. Il-fondi tal-Bank Ewropew tal-Investiment (minn Diċembru 2022), EUR 3.47 biljun għas-SIDS, fil-forma ta' linji ta' kreditu għall-istituzzjonijiet ta' kreditu lokali biex jappoġġaw lill-SMEs, jiffinanzjaw investimenti fl-infrastruttura, u fl-enerġija, is-servizzi, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-agrikoltura u s-sajd. L-UE qed tiffinanzja wkoll programm ta' appoġġ ta' EUR 35 biljun għas-SIDS Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-pajjiżi kostali, inkluż il-programm Bijospazjali fil-Karibew, il-programm Bijospazjali fil-Paċifiku, u appoġġ għall-Fond ta' Sħubija tal-Ekosistemi Kritiċi fl-Oċean Indjan tal-Punent.

16. Taħt il-Programm umanitarju tagħha ta' Tħejjija għad-Diżastri, l-UE ilha tappoġġa għal tliet deċennji t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-komunitajiet lokali biex jantiċipaw, jirrispondu u jirkupraw mill-impatti tad-diżastri naturali, li s-SIDS huma partikolarment esposti għalihom. Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam ser tiżdied permezz tal-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil dwar il-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew li għandu jiġi ffirmat fl-2024 u t-tnedija ta' sensiela ta' djalogi bejn l-UE u l-ALK dwar it-tħejjija għad-diżastri. L-UE tfakkar fl-importanza li jiġi appoġġat l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-inizjattiva "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd", b'mod partikolari billi jingħalqu lakuni kbar fid-data għall-osservazzjonijiet dwar it-temp u l-klima mis-SIDS, l-iżgurar li t-twissijiet ikunu adatti għall-ħtiġijiet lokali, u t-tixrid tagħhom lill-popolazzjonijiet lokali.
17. Lil hinn minn dan, l-UE qed taħdem permezz tal-Global Gateway biex tattira u tingrana l-investimenti tas-settur privat fis-SIDS. L-ingranaġġ tal-kapaċità ta' investiment tas-settur privat huwa prijorità strateġika, segwita bit-titjib tal-ambjent tan-negożju u l-klima tal-investment, l-eliminazzjoni tal-ostakli tekniċi għall-kummerċ, l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u l-użu ta' għodod finanzjarji biex jiġu attirati l-fondi. Permezz ta' dan il-qafas ta' azzjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) jipprovdi garanziji lill-investituri tas-settur privat permezz ta' istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp.

18. Il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha mal-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) ġie ffirmat f'Novembru 2023. Dan il-Ftehim huwa partikolarment rilevanti għas-SIDS, peress li kważi kollha huma membri tal-OSAKP. Huwa jistabbilixxi livell għoli ta' ambizzjoni għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-OSAKP dwar prinċipji komuni ewlenin bħad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp uman u soċjali, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u l-migrazzjoni u l-mobbiltà. Għas-SIDS, il-Ftehim ta' Sħubija joffri qafas biex jiġu influwenzati u xprunati l-inizjattivi globali, u biex jiġi sfruttat u jinbena kunsens dwar kwistjonijiet l-aktar kritiċi għalihom, mal-UE u fuq skala globali, fi spirtu ta' sħubija. It-tliet Protokolli reġjonali ġodda – parti mill-Ftehim ta' Sħubija – ser jiffaċilitaw skambji u kooperazzjoni li huma mfassla għall-ħtiġijiet u d-dinamika ta' kull reġjun. Dan l-approċċ il-ġdid jippermetti kooperazzjoni msaħħa fir-reġjuni kollha fi kwistjonijiet ewlenin għas-SIDS, bħat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ambjent, u l-governanza tal-oċeani. Il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) li l-UE ffirmat mas-sħab urew impatt pożittiv fuq l-ekonomiji tal-pajjiżi kkonċernati. Mit-33 Stat tal-OSAKP li għandhom FSE mal-UE, 21 huma SIDS. L-UE tilqa' lil Niue, Tonga u Tuvalu għall-FSE bejn l-UE u l-Paċifiku, li waslu biex itemmu l-proċess ta' adeżjoni tagħhom. L-UE tistenna b'interess li tiżviluppa relazzjoni komprensiva u ta' benefiċċju reċiproku mas-SIDS lil hinn mill-kooperazzjoni eżistenti. L-UE ser taħdem biex tippromwovi l-kooperazzjoni bejn is-SIDS u gżejjer oħra, b'mod partikolari mar-Reġjuni Ultraperiferiċi (ORs) tal-UE u l-Pajjiżi u t-Territorji Ekstra-Ewropej (OCTs), li magħhom jikkondividu xi karatteristiċi komuni.
19. Filwaqt li tħares 'il quddiem, l-UE ser tibni s-sħubija tagħha mas-SIDS permezz ta' kooperazzjoni u djalogu, inkluż dwar l-isfidi globali, l-assistenza teknika u l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità, filwaqt li tibni fuq ftehimiet fis-Summit tal-SDGs tal-2023 u s-SIDS4 biex tiżgura Summit tal-Futur ta' suċċess f'Settembru 2024, u biex twassal ir-riżultati għar-raba' Konferenza dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp.

20. L-UE tistenna b'interess il-konferenza SIDS4 u l-Programm ta' Azzjoni SIDS li jmiss b'involviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, is-settur privat, l-akkademja u ż-żgħażaġh. Ninsabu lesti li nikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni, permezz ta' kooperazzjoni f'oqsma ta' prijetà bħat-tibdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent, l-ekonomija blu u ekoloġika, l-inklużjoni ta' SIDS fis-swieq globali, l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, aċċess aktar faċli għall-klima, l-iżvilupp u l-finanzjament u l-investimenti għall-adattament.
